EMA/734836/2017
EMEA/V/C/004222

**Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku**

# Galliprant

grapiprant

Dan huwa sommarju tar-rapport pubbliku Ewropew ta' valutazzjoni (EPAR) għal Galliprant. Dan jispjega kif l-Aġenzija vvalutat dn il-mediċina veterinarja biex tirrakkomanda l-awtorizzazzjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea (UE) u l-kondizzjonijiet ta' użu tagħha. Dan mhux intiż biex jipprovdi konsultazzjoni prattika dwar l-użu ta' Galliprant.

Għal informazzjoni prattika dwar l-użu ta' Galliprant, is-sidien tal-annimali jew dawk li jieħdu ħsiebhom għandhom jaqraw il-fuljett ta' tagħrif jew jikkuntattjaw lill-veterinarju jew lill-ispiżjar tagħhom.

## X'inhu Galliprant u għal xiex jintuża?

Galliprant huwa mediċina veterinarja. Dan jintuża fuq il-klieb biex jittratta wġigħ assoċjat ma' osteoartrite mhux severa sa moderata, kondizzjoni li tikkawża nefħa u wġigħ fil-ġogi. Fih is-sustanza attiva grapiprant.

## Kif jintuża Galliprant?

Galliprant jiġi bħala pilloli u jista' jinkiseb biss b'riċetta ta' tabib. Galliprant jingħata lill-klieb darba kuljum fuq stonku vojt tal-anqas siegħa qabel l-ikla li jkun imiss. Id-doża tiġi bbażata fuq il-piż tal-kelb u t-tul tat-trattament jiddependi fuq ir-rispons għalih. Trattament intermittenti jista' jkun ta' benefiċċju għal ċerti klieb li minn żmien għal żmien jesebixxu sinjali ta' osteoartrite.

Għal iktar informazzjoni, ara l-fuljett ta' tagħrif.

## Kif jaħdem Galliprant?

Galliprant għandu fih grapiprant, prodott antinfjammatorju inibittiv li huwa nonsterojdali u nonċiklossiġenażi (NSAID), tal-klassi tal-pipranti, li jaħdem b'mod differenti minn prodotti nonsterjodali antinflammatorji oħrajn, li jibblokkaw numru ta' enzimi ċiklossiġenażi. Grapiprant jaħdem billi jimblokka r-riċettur fil-mira speċifiku EP4, li permezz tiegħu sustanzi naturali msejħin prostaglandini jaħdmu sabiex jikkawżaw l-uġigħ fl-osteoartrite. Billi jimblokka l-EP4, grapiprant jgħin

30 Churchill Place ● Canary Wharf ● London E14 5EU ● United Kingdom
**Telephone** +44 (0)20 3660 6000 **Facsimile** +44 (0)20 3660 5555
**Send a question via our website** www.ema.europa.eu/contact

An agency of the European Union

© European Medicines Agency, 2018. Reproduction is authorised provided the source is acknowledged.

sabiex jittaffew l-effetti tal-kondizzjoni.

## X'inhuma l-benefiċċji ta' Galliprant li ħarġu mill-istudji?

Saru żewġ studji prattiċi li involvew klieb li ħafna minnhom kellhom osteoartrite mhix severa sa moderata kkonfermata permezz tar-radjugrafija f'tal-anqas ġog wieħed tas-saqajn. B'kollox, 51 % tal-klieb (120 minn 235) irċevew trattament b' Galliprant li ta riżultati pożittivi 28 jum wara l-bidu tat-trattament. Dan meta mqabbel ma' 36 % tal-klieb li ngħataw trattament finta (82 minn 231). Il-livell ta' suċċess ġie vvalutat mis-sidien tal-klieb u mill-veterinarji bl-użu ta' sistemi ta' punteġġi għas-severità tal-uġigħ, l-interferenza tal-uġigħ u l-kwalità ġenerali tal-ħajja.

## X'inhuma r-riskji assoċjati ma' Galliprant?

L-effett sekondarju l-aktar komuni ta' Galliprant (li jista' jaffettwa aktar minn annimal wieħed minn kull 10) hu remettar ħafif li ġeneralment ma jippersistix.

Galliprant ma għandux jingħata lil klieb li jkunu tqal, qed ireddgħu jew ta' tnissil.

Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji u r-restrizzjonijiet b'Galliprant, ara l-fuljett ta' tagħrif.

## X'inhuma l-prekawzjonijiet li jridu jittieħdu mill-persuna li tagħti l-mediċina jew li tiġi f'kuntatt mal-annimal?

L-idejn għandhom jinħaslu wara l-użu tal-mediċina.

Jekk il-prodott jinbela' b'mod aċċidentali minn persuna, din għandha tfittex parir mediku minnufih. Jekk il-prodott jinbela' minn tifel jew tifla, jista' jkun li jiġu nnutati sinjali gastrointestinali mhux severi u riversibbli u nawżja.

## Għal xiex ġiet approvat Galliprant?

Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju (CVMP) tal-Aġenzija kkonkluda li l-benefiċċji ta' Galliprant huma akbar mir-riskji tiegħu u rrakkomanda li jkun approvat għall-użu fl-UE.

## Informazzjoni oħra dwar Galliprant

Il-Kummissjoni Ewropea tat awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-UE kollha għal Galliprant fi 09/01/2018.

L-EPAR sħiħ għal Galliprant jinsab fis-sit web tal-Aġenzija: ema.europa.eu/Find medicine/Veterinary medicines/European public assessment reports. Għal aktar informazzjoni dwar il-kura b'Galliprant, is-sidien tal-annimali jew dawk li jieħdu ħsiebhom għandhom jaqraw il-fuljett ta' tagħrif jew jikkuntattjaw lill-veterinarju jew lill-ispiżjar tagħhom.

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar f'Novembru 2017.